MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2006

Appell Kriminali Numru. 164/2005

**Il - Pulizija**

**v.**

**Emanuel Galea**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Emanuel Galea talli fl-20 ta’ Frar 2005 ghall-habta ta’ 19:00 hrs. fi Triq l-Ajruport Internazzjonali f’Hal-Luqa:

(1) Qal kliem fahxi li jikkonsisti f’dagha fil-pubbliku;

(2) Naqas li jobdi l-ordni leggitima moghtija lilu mill-Pulizija fil-qadi ta’ dmirijietu;

(3) Kiser il-paci pubblika u l-bon ordni bl-ghajjat u/jew glied u/jew b’xi mod iehor;

(4) Hedded lil P.C. 490 J. Darmanin persuna nkarigata skond il-ligi minn sevizz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta’ Mejju 2005 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Emanuel Galea hati tat-tielet imputazzjoni u minnha lliberatu izda sabitu hati ta' l-ewwel, it-tieni u r-raba’ imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta' hamsin liri Maltin (Lm50);

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Emanuel Galea pprezentat fit-23 ta’ Mejju 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tikkonfermaha fil-parti fejn illiberatu mit-tielet imputazzjoni, filwaqt illi thassarha w tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati ta' l-ewwel, it-tieni u r-raba’ imputazzjonijiet u tilliberah minn kull imputazzjoni, htija w piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-appellant ghandu aggravju wiehed, u cioe` li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi stante li l-identifikazzjoni tieghu ma gietx pruvata sodisfacentement peress illi mhux talli ma gewx prodotti bhala xhieda l-Pulizija tad-distrett li lilhom allegatament gew moghtija l-partikularitajiet, izda lanqas gew indikati min kienu verament u lanqas ma gie ndikat jew ippruvat il-mod kif irrizulta li fil-fatt kien l-appellant dik il-persuna nvoluta fl-akkadut.

Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-prosekuzzjoni pproduciet bhala l-unika prova taghha x-xiehda bl-affidavit ta' P.C. 490 J. Darmanin. Dan sar a tenur tas-subartikolu (1) ta' l-

artikolu 360A tal-Kodici Kriminali. Skond dak is-subartikolu wkoll jekk l-akkuzat ikun irid jaghmel kontro-ezami lil xi persuna li kellha l-affidavit notifikat lilu, huwa ghandu, mhux aktar tard minn hmistax-il gurnata qabel l-ewwel seduta li tigi minnufih wara n-notifika ta' l-affidavit, javza b'dan lill-Kummissarju tal-Pulizija b'ittra registrata. Skond it-tieni proviso ta' dan is-subartikolu, meta jirrizulta li ma kienx possibbli ghall-imputat li jaghti tali avviz fiz-zmien provdut, dak l-avviz jista' jinghata matul l-ewwel seduta li tigi minnufih wara n-notifika ta' l-affidavit. Is-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu 360A tal-Kodici Kriminali mbaghad jipprovdi hekk:

**"Il-persuna li kellha l-affidavit taghha notifikat lill-akkuzat kif provdut fis-subartikolu (1) ma ghandhiex titharrek biex tixhed fil-proceduri jekk l-akkuzat jonqos milli jaghti avviz tal-hsieb tieghu li jaghmel kontro-ezami lil dik il-persuna kif provdut f'dak is-subartikolu u dak l-affidavit ghandu jkun ammissibbli bhala prova b'xiehda tal-kontenut tieghu f'dawk il-proceduri bl-istess mod bhallikieku kien xiehda moghtija *viva voce* fil-prezenza ta' l-akkuzat"** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Jirrizulta li l-appellant la ghamel talba biex jitharrek in kontro-ezami l-imsemmi P.C. 490 J. Darmanin qabel is-seduta li giet minnufih wara n-notifika lilu ta' l-affidavit u lanqas waqt l-imsemmija seduta. Ghalhekk, a tenur ta' l-artikolu (2) tas-subartikolu 360A tal-Kodici Kriminali l-affidavit ta' P.C. 490 **"ghandu jkun ammissibbli bhala prova b'xiehda tal-kontenut tieghu … bl-istess mod bhallikieku kien xiehda moghtija *viva voce* fil-prezenza"** ta' l-appellant.

Skond l-affidavit ta' P.C. 490 J. Darmanin, fl-20 ta' Frar 2005 ghall-habta tas-7. 00 p.m. kien xoghol fi Triq l-Ajruport Internazzjonali, Hal-Luqa fejn ipproduca biljett ta' kontravvenzjoni lill-vettura numru DAB-703 tal-ghamla BMW peress li kienet ipparkjata f'post ipprojbit. Meta mar biex ikompli jharrek vetturi ohra bl-istess kontravvenzjoni, resaq ragel fuqu u beda jidghi bil-Madonna. Staqsieh ghaliex kien qed jidghi u hu staqsa lix-xhud jekk kienx hu li

hariglu l-biljett ta' kontravvenzjoni. Meta x-xhud wiegeb fl-affermattiv u pprova jispjega lil dan ir-ragel li kien ipparkjat f'post ipprojbit, dan kompla jidghi b'Alla u bil-Madonna u meta ra hekk qallu li ser jirrapportah rigward id-dagha. Ix-xhud kompla jghid li meta talab il-partikularitajiet lil dan ir-ragel, huwa rrifjuta li jtihomlu u heddu li jekk ma jitlaqx minn quddiemu kien ser iqabbizhielu u jispicca hazin. Meta qallu li ser jirrapportah fuq dagha fil-pubbliku, dan qallu "Mhux jien u int qeghdin!" Ghalhekk rega' nfurmah li jekk mhux ser itieh il-partikularitajiet tieghu kien ser jarrestah. Dan ir-ragel rega' rrifjuta li jtieh il-partikularitajiet tieghu u ghalhekk ix-xhud ikkuntattja lill-Control Room tal-Pulizija u talab li tintbaghat vettura biex ikun jista' jarresta lil din il-persuna. Skond ix-xhud, meta waslu l-Pulizija tad-Distrett, dan l-individwu tahom il-partikularitajiet tieghu "u rrizulta li kien Emmanuel Galea bin Carmelo u Carmela nee` Galea residenti Flt 1 Blk G2 Housing Estate Mosta u detentur tal-karta ta' l-identita` Maltija nru. 7759(M)."

Issa, huwa minnu li P.C. 490 fl-affidavit ma jsemmix min kienu l-Pulizija tad-Distrett li gew fuq il-post u li lilhom jghid li nghataw il-partikularitajiet mill-persuna li holqot l-incident in kwistjoni. Din il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghaliex ma kellhomx jissemmew dawn il-Pulizija. Pero` minn kif dan ix-xhud iddeskriva <u>s-sekwenza</u> ta' l-affarijiet huwa car li kemm hu kif ukoll ir-ragel in kwistjoni kienu fuq il-post meta gew il-Pulizija tad-Distrett. Jigifieri l-partikularitajiet inghataw meta x-xhud kien ghadu prezenti u mhux fl-assenza tieghu. Ghalhekk il-partikularitajiet inghataw *a tempo vergine* fil-prezenza ta' P.C. 490 <u>u huma l-partikularitajiet ta' l-appellant</u>.

Konsegwentement l-aggravju ta' l-appellant huwa michud.

Din il-Qorti pero` tosserva li l-piena nflitta fuq l-appellant hija dik ta' hamsin liri Maltin (Lm50) *multa*. Ir-reati li dwarhom l-appellant instab hati skond l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet huma kontravvenzjonijiet li jgorru maghhom il-piena ta' l-*ammenda* u mhux dik tal-*multa*. Dwar ir-raba' imputazzjoni, ghalkemm hawn si tratta ta' delitt, fil-fehma tal-Qorti l-piena applikabbli hija wkoll dik stabbilita ghall-kontravvenzjonijiet, f'dan il-kaz l-*ammenda*.

Ghalhekk il-piena nflitta mill-ewwel Qorti ghandha tigi varjata sabiex minflok dik tal-*multa* tkun dik ta' l-*ammenda*.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata u filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu ma sabitx lill-appellant hati tat-tielet imputazzjoni u lliberatu minnha u in kwantu sabitu hati ta' l-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet, tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghall-hlas ta' *multa* ta' hamsin liri Maltin (Lm50) u minflok tikkundannah ghall-hlas ta' *ammenda* komplessiva ta' hamsin liri Maltin (Lm50).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------